MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 137/2007

Antoinette Cachia
vs
Henry sive Harry Aquilina u b'nota tal-11 ta' Novembru 2008 assuma l-atti Henry Harry Aquilina flok missieru, u Carmen Aquilina, Joe Aquilina, Mario Aquilina u Paul Aquilina bhala l-eredi tal-mejta Mary, mart Henry sive Harry Aquilina

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors ta' Antoinette Cachia li bih esponiet:

1. Illi fl-ahhar tas-sena 1981 l-intimat Harry Aquilina beda relazzjoni u anke ghex flimkien mar-rikorrenti Antoinette Cachia.

2. Illi minn dak iz-zmien sal-lum, ir-rikorrenti dejjem hadet hsieb l-intimat Harry Aquilina, kif ukoll kienet ta' ghajnuna

kbira tieghu fil-"*catering business*" minghajr qatt ma hadet paga;

3. Illi dan id-dejn kien anke gie rikonoxxut permezz ta' kuntratt pubbliku fl-1 ta' Settembru 1998, fejn l-intimat Aquilina kien ittrasferrixa nofs is-sehem tal-proprjeta` immobbli bhala tpaccija tal-kreditu tar-rikorrenti Cachia, kopja ta' liema gie anness mar-rikors bhala dokument "A";

4. Illi t-trasferiment premess gie annullat u rexiss permezz ta' sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet "Av. Thake noe vs Cachia et" (Cit. Nru. 2526/1999) stante li t-trasferiment ma sarx bid-debita awtorizazzjoni ta' Mary mart Harry Aquilina; (kopja ta' liema giet annessa mar-rikors bhala Dokument "B");

*5.* Illi sal-lum ir-rikorrenti inkorriet diversi spejjez ghall-intimat Harry Aquilina, skond kif jirrizulta mill-prospett anness mar-rikors bhala Dokument "C";

6. Illi inoltre r-rikorrenti ghadha qed tiehu hsieb l-intimat Harry Aquilina u ghalhekk ghandha dritt ghal kumpens ghas-servigi moghtija minnha lill-istess intimat;

7. Illi r-rikorrenti ghandha interess li l-kreditu taghha u l-kumpens lilha dovuti jigu likwidati u tithallas ghall-istess.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimati ghas-servigi minnha moghtija lil Henry sive Harry Aquilina;

2. Tillikwida inoltre l-pagamenti li saru mir-rikorrenti ghan-nom ta' l-intimat Harry Aquilina, u kif ukoll il-flus mislufa minnha lill-intimat bl-imghax skond il-ligi;

3. Tordna lill-intimat ihallas il-kreditu likwidat bhala minnu dovut lir-rikorrenti;

Bl-imghax sad-data ta’ hlas effettiv, bl-ispejjez u l-ingunzjoni in subizzjoni ta’ l-intimati.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota ta’ Antoinette Cachia (a fol 64 tal-process):
“Li biha ccedi l-atti tal-kawza premessa fil-konfront ta’ Carmen Aquilina, Joe Aquilina, Mario Aquilina u Paul Aquilina stante li ma jidhirx li huma legittimi kontraditturi peress li ma jirrizultax li huma werrieta universali tal-mejta Mary Aquilina.”

Gie prezentat affidavit ta’ Antoinette Cachia li fih issemma li saret taf lil Henry meta kienet tahdem bi hlas bhala *part timer* fil-*guest house* tieghu u bdiet relazzjoni mieghu fl-ahhar ta’ l-1981 u minn dina r-relazzjoni kellhom tifel, Henry Harry Aquilina. Meta bdiet ir-relazzjoni waqfet tithallas. Kienet tahdem fin-negozju tieghu tal-*catering*, dejjem minghajr hlas, u tahdimlu l-pagi, *accounts* u t-tmexxija tan-negozju. Kienet taghmel diversi tipi ta’ xoghol. Kienet anke tieh hsieb it-tfal ta’ Harry minn zwieg iehor meta kienu jigu ghall-btala f’Malta, u baqghet tghin lil Harry fix-xoghol sakemm twieled it-tifel. Semmiet li kienet anke silfet xi flus lil Harry li irrikonoxxa dan il-fatt anke f’kostituzzjoni ta’ debitu. Wara regghet bdiet taghmillu xoghol ta’ *laundry* ghax kienet waqfet meta kienet tqila. Meta kien marid fl-1999 kienet tiehu hsiebu, u anke dahlet f’diversi spejjez inkluz ta’ tobba fl-ammont ta’ Lm7,550. Peress li Harry ma setax jaghtiha sehem mid-dar ta’ l-ghajnuna li tatu minhabba li qatt ma kien formalment separat minn martu, kienet kostretta taghmel il-kawza. Ikkonfermat li kienet hallset Lm54,545.41 u ghalhekk il-

pretensjoni f'din il-kawza hija ta' tmenin elf Lira Maltija mija hamsa u erbghin Lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm80,145.41) in kwantu ghal erbgha u hamsin elf, hames mija hamsa u erbghin Lira Maltija (Lm54,545.41) bhala ammonti mislufa minnha lil Harry u inkluz il-likwidazzjoni tas-servigi moghtija minnha sas-sena 1994; sitt mitt Lira (Lm600) spejjez legali mhallsa in konnezzjoni ma' applikazzjoni ghal divorzju ta' Harry l-Ingilterra; u ghal hamsa u ghoxrin elf lira Maltija (Lm25,000) ghas-servigi rezi minnha lil Harry sal-lum.

Gie prezentat affidavit ulterjuri ta' Antoinette Cachia, peress li kien sadanittant gie nieqes Harry Aquilina, li fih issemma li fl-ahhar sena ta' hajjet Harry nefqet madwar €21,591.82, spejjez ohra ghalih, u b'hekk it-total dovut lilha sar €208,280.41.

Gie prezentat affidavit ta' Henry Harry Aquilina li fih semma li missieru miet fil-11 ta' Mejju 2008 u li qabel il-mewt tieghu ommu Antoinette Cachia kienet tonfoq hafna flus ghalih u hallset dejn li kellu missieru, inkluz kontijiet tat-tobba u ghall-funeral.

Rat il-verbal fol 70 (fl-4 ta' Mejju 2009) li minnu jirrizulta li l-intimat Henry Harry Aquilina ammetta t-talbiet.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti ippruvat it-talba taghha biex tigi dikjarata kreditrici ta' Henry *sive* Harry Aquilina li wara l-mewt tieghu dahal fil-kawza bin ir-rikorrenti u l-imsemmi Henry *sive* Harry Aquilina bhala intimat. Irrizulta li l-uniku werriet ta' Henry *sive* Harry Aquilina fil-fatt kien Henry Harry Aquilina u l-kawza kienet giet ceduta fil-konfront ta' l-intimati l-ohra. L-imsemmi Henry Harry Aquilina ammetta t-talba fl-4 ta' Mejju 2009. Ir-rikorrenti spjegat kif l-ammont dovut lilha huwa ta' €208,280.41.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk, fuq ammissjoni, il-Qorti tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti mill-intimati ghas-servigi minnha

moghtija lil Henry *sive* Harry Aquilina u pagamenti li saru minnha ghan-nom ta’ l-intimat Harry Aquilina kif ukoll il-flus mislufa minnha lill-imsemmi intimat fl-ammont ta’ €208,280.41.

Tordna lill-intimat ihallas il-kreditu likwidat bhala minnu dovut lir-rikorrenti.

Bl-imghax mil-lum, u bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------